MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 1261/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**
**VS**
**ALEXANDER ANGILERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Alexander Angileri, bin Mario u Catherine nee' Salama, mwieled 3 ta' Marzu 1987 gewwa Pieta' residenti Maracana Crt Flat 12, Triq it- Torri, Msida u detentur tal-Karta tal- Identita' bin- numru 144887M;

Talli;
1) fl- 24 ta' Ottubru 2011 ghal habta tal- 4.30am fi Triq San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ikkwalifikat bil- hin u l- valur ta' mobile phone, kartiera u credit cards u

dokumenti li flimkien jammontaw ghal €245 ghad- dannu ta’ Reuben Camilleri;
2) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni mposta fuqu mill- Qorti Kriminali, datata 14 ta’ Dicebru 2010, b’ ordni taht dan l-Artikolu;
3) u aktar talli fl- istess, data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv ai terminu tal- Artikolu 289 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti giet infurmata f’dan il-kaz li r-res furtiva kienet giet ritornata kollha lis-sid, u ghalhekk ma kienx hemm il-htiega ta’ ordni ta’ kumpens lill-vittma tar-reat. L-imputat ammetta li kien ha l-kartiera tal-parti leza, u inqabad billi uza l-“mobile phone” li kien seraq. Fl-istqarrija, hu ammetta li kien effettivament sab dawk l-oggetti fuq il-persuna tal-vittma u qabad u hadhom, u ghamel uzu minnhom. Kwantu ghall-piena, il-Qorti sejra taghti opportunita’ ohra lill-imputat biex jirriforma ruhu, u ghalhekk sejra taghti ordni ta’ servizz fil-komunita’ bhala riparazzjoni ghal dak li ghamel.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 267, 270, u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

U wara li rat illi l-addebitu tar-recidiva m'huwiex applikabbli ghal dan il-kaz;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna ordni ta' hrug ta' probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------